**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonello Magri]**
**[Spettur James Mallia]**

**Vs**

**Michael Raymond Sciberras**

**Illum, 19 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza:

"**Michael Raymond Sciberras**, detentur tal- karta tal-identita' numru 215805L.

Talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar l-26 ta' Ottubru, 2022 ghall-habta ta' nofsinhar u ghoxrin (12:20hrs) minn gewwa Tal-Lewza Farmhouse, li tinsab fi Triq ta' Manduca, Siggiewi, Malta; ikkometta serq

ta’ flus kontanti tal-valur ta’ €200, u dan għad-detriment ta’ Mario Micallef u/jew persuni oħra;

2. Nhar id-9 ta’ Novembru, 2022 ghall-habta ta’ nofsnhar neqsin kwart (11:45hrs) minn gewwa l-hanut Euro Sport gewwa Triq Hal Luqa, Paola Malta ikkometta serq tal-valur li ma jaqbizx il-valur ta’ €232.94 (bott tal-missjoni), u dan għad-detriment ta’ Missio Malta u/jew persuni oħra;

U finalment talli fil-granet u xhur ta’ qabel f’postijiet differenti, f’dawn il-gzejjer Malta;

1. Ighix hajja ta’ ghazz u ta’ vagabundagg

U aktar talli Michael Raymond Sciberras irrenda ruħu recidiv ai termini tal-artikoli 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Filwaqt li nesebixxu, fedina penali u dettalji tal-akkuzati Michael Raymond Sciberras nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.”

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-kaz jinvolvi serqa ta' mitejn Ewro u serqa ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro minn fond privat u serqa ohra ta' erbgha u disghin centezmu mill-hanut Eurosport, allegatament kommessi mill-imputat.

**L-Akkuzi fil-Qosor**

Illi l-imputat huwa akkuzat (1) b'serq tas-somma ta' ta' €200 għad-detriment ta' Mario Micallef; u (2) b'serq ta' bott tal-Missjoni li ma jaqbizx il-valur ta' €232.94 minn hanut għad-detriment ta' Missio Malta; u (3) li qed jghix hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg. Huwa akkuzat ukoll li rrenda ruħu recidiv.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni tal-imputat **Michael Raymond Sciberras** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, in-natura u gravita' tar-reati lilu addebitati, d-disposizzjoni tal-imputat li jsegwi programm sabiex

jirrijabilita ruhu u wara li rat il-fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz, tqis li piena karcerarja mhix idoneja f'dan il-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikli 49, 50, 284, 285 u 338(w) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (1) Ai termini u bl-applikazzjoni tal-Artiklu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn mil-lum u (2) Ai termini u bl-applikazzjoni tal-Artiklu 412D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn mil-lum b'dana li l-imputat ghandu, wara li ssirlu d-debita evalwazzjoni, jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga u liema programm l-imputat ghandu jsegwi u jtemm b'success. Fkaz li ghal xi raguni l-imputat ma jtemmx il-programm u/jew ghal xi raguni ma jkomplix isegwi u jiffinalizza l-programm ta' rijabilitazzjoni, din il-piena moghtija llum ghandha ai termini tal-Artiklu 7(7) u 10(2) tal-Kap. 446 tinbidel f'sentenza ta' prigunerija ta' sitt xhur u dan minghajr ebda htiega li l-Prosekuzzjoni taghmel xi proceduri ulterjuri ghal dan il-ghan.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-imputat iddikjara li fehem l-istess.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur